**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 24 ta' Ottubru, 2017

**Il-Pulizija**
**(Spettur Priscilla Caruana)**

**-vs-**

**Dulton Magri detentur tal-karta tal-identità bin-numru 560391M**

***Kumpilazzjoni Nru. 644/2012***

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Dulton Magri u ċioè talli:

> Fit-28 ta' Ġunju, 2011, għall-ħabta tas-1:00am ġewwa Triq il-Power Station, Marsaxlokk:

1. b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti ikkaġuna offżi ta' natura gravi fuq Christian Gafa skont kif iċċertifikat Dr. Agnes Cachia reg. 2863 mill-isptar Mater Dei.

2. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni FBQ679 b'manjiera bla kont, traskurata u perikoluża.

> Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tiskwalifikah mill-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi qabel xejn irid jinghad illi ghalkemm din il-kawza tirrigwarda reati li allegatament sehhew f'Gunju, 2011, l-istess kawza giet mismugha minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, u l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, kif preseduta, giet mizmuma fis-16 ta' Frar, 2016.

Illi l-**Ispettur Priscilla Caruana** xehdet kif saret taf bis-sinistru u li meta marret fuq il-post sabet il-vettura tal-imputat *"wieqfa f'nofs tat-triq, fuq il-karregjata* ***tan-naha tal-lemin****, fid-direzzjoni lejn Marsaxlokk."*[1] Il-persuni li kienu fuq il-post fil-hin tas-sinistru gharrfuha li kif kienu sejjrin lura d-dar wara bbq, kien gie Magri *"saq il-vettura tieghu fid-direzzjoni tal-power station, ghamel U-turn u hu u gej lura Christian Gafa qasam minn quddiem din il-vettura fejn gie mtajjar….kollha qabblu ma din il-verzjoni."*[2]

Illi fl-**istqarrija**[3] li ttiehdet lill-imputat kwazi sena wara li sehh is-sinistru, l-imputat spjega kif kien qed isuq fit-triq tal-power station mid-direzzjoni ta' Marsaxlokk u ra lil huh ma xi persuni ohra fuq in-naha tal-bahar fuq ic-cint. Mar iddawwar fejn hemm id-dahla tal-power station u hekk kif qabad it-triq biex jirritorna lejn Marsaxlokk kien hemm tlieta mill-persuni li kienu ma huh li hargu ghan-nofs it-triq. Kien hemm ukoll il-parte leza, Christian Gafa; izda filwaqt li l-ohrajn qabzu ghall-wara c-cint hekk kif rawh jersaq lejhom, Gafa baqa' fin-nofs tat-triq u ghalkemm kien ipprova jiskapulah u zamm *break*, il-vettura skidjat u tajjru.[4] Jghid li wara li qala' d-daqqa Gafa ried jaqbez il-bahar izda peress li kellhu mohhu miftuh, ma hallewhx. Wara ittiehed l-isptar b'ambulanza. Interessanti li l-imputat jghid li ***"kien hemm daqxejn ta' distanza sakemm wasalt hdejn hija u shabu"*** u li ma jinnegax li *"kont ghaddej b'naqa speed"* u ***"Nghid li ma kontx gej bil-moghod*** *{[recte: mod]".* Mistqosi dwar l-ispeed li kien ghaddej bih jghid *"emmini ma nafx".*[5]

Illi **PS1602 Marco Mifsud** xehed li hu kien mar fuq il-post hekk kif sar jaf bl-incident u sab lil Gafa fi stat ta' xokk u bi griehi serji. Jiddeskrivi kif il-vettura FBQ679 kienet *"wieqfa fin-nofs tat-triq,* ***thares lejn ir-wrong side****."* Magri kien stqarr mieghu li hu kien nizel Delimara biex jiltaqa' ma hbiebu ***"Qalli wkoll li kien tiela' b'naqra speed u qalli wkoll li dak il-hin ipprova jevitahom u wiehed minnhom qassamlu ghad-direzzjoni tieghu****, bil-konsegwenza li tajru…".*[6] Qabel ma ghadda biex ipprezenta l-**Full**

[1] Fol.12
[2] Fol.12-13
[3] Dok. PC2 a fol.7-9
[4] Fol.8
[5] Ibid.
[6] Fol.14

**Road Traffic Report**[7] spjega kif kien osserva *brake marks taht il-vettura li kienu twal diversi metri.*[8] Minn dan ir-rapport jirrizulta li d-daqqa ttiehdet fin-nofs tal-vettura fejn gew kawzati hsarat fuq il-windscreen, il-bonnet u l-gradilja ta' quddiem. Joshua Debono, mitkellem fuq il-post, kien qal li Magri kien qed isuq ***"bi speed moderat"*** u hekk kif kien gej fid-direzzjoni tieghu, wissa' lil Gafa, li kien hdejh, sabiex ma johrogx il-barra fit-triq izda dan kompla hiereg u Magri zamm brake biex jevitah u mar in-naha l-ohra tat-triq izda Gafa xorta intlaqat.[9] Din il-verzjoni moghtija *a tempo vergine* giet ukoll konfermata minn Ian Joe Schiavone, Owen Steve Faenza u Christopher Fenech.[10] Fit-triq, li kienet xotta u fid-dritt, hemm *continuous white line*, id-dwal kienu mixghulin u l-speed limit kien ta' 50kph.[11]

Illi **PC1246 Cecile St. John** ikkonferma il-verzjoni tas-Surgent Mifsud fejn *inter alia* qal li shab kemm l-imputat u dawk ta' Gafa kienu inneggaw li l-vettura kienet qed tinstaq minn Magri b'mod perikoluz jew b'sewqan esagerat.[12] Ikompli *"Minflok qabez ghal-lane l-iehor fejn hemm sinjal abjad li jaqsam il-karreggjata dan dar kif xieraq u kien gej ghan-naha ghal mal-promenade fejn kienu dawn iz-zghazagh issa jekk jiena ha nsuq ghal mal-promenade fejn kienu z-zghazagh dawn probabilment kif nista nimmagina tara zghazugh hariglu fin-nofs gibed ghal fuq il-lane l-iehor, kiser is-sinjal tat-traffiku biex jevitah imma sfortunatament laqtu.".*[13]

Illi **Christian Gafa**, il-parte leza, irrakonta kif kien bbq ma shabu li kienu qed jghumu u hu baqa' fuq ic-cint. Jiftakar li kienu telghu mill-bahar qabel ma sehh l-incident izda ma seta' jiftakar xejn izjed.[14] Jghid li ma kellu ebda problemi ma Magri.

Illi **Brian Farrugia** in rapprezentanza ta' Transport Malta ikkonferma li l-imputat kellu licenzja tas-sewqan u li l-vettura misjuqa minnu kienet registrata fuq Emanuel k/a Noel Magri.[15]

Illi l-espert tekniku **Joseph Zammit** ikkonferma[16] r-rapport tieghu fejn kien kkonstata li l-*brakes, steering,* roti u dwal kienu qed jiffunzjonaw tajjeb. Lanqas ma nstab li l-vettura kellha xi hsara teknika qabel l-incident.[17]

Illi **Dr Mario Scerri** kien ikkonkluda li l-lezjonijiet mgarrba minn Gafa kienu ta' natura gravi.[18] **Dr Anthony Zrinzo** xehed li l-parte leza ma kellu ebda

---

[7] Dok. PC4 a fol.16 et seq
[8] Fol.15
[9] Fol.19
[10] Fol.20
[11] Fol.21
[12] Fol.252
[13] Fol.255
[14] Fol.25
[15] Fol.34 et seq.
[16] Fol.283
[17] Fol.191
[18] Fol.227

*deficits* minn naha ta' *neurosurgery*.[19] Mill-case summary li pprezenta rrizulta li Gafa sofra ksur fil-kustilji.[20] Minn naha tieghu **Mr Norbert Vella**, *consultant neurologist*, xehed u prezenta rapport[21] fejn jinghad *"After just over 16 months since the alleged road traffic accident on June 28, 2011, Mr Gafa is deemed to have reached maximal medical improvement. However he is still disabled by near total anosmia.... Mr Gafa is deemed to have incurred a 5% impairment of the whole person as a result of the June 28, 2011, accident."*[22] **Dr Charles Grixti** kien xehed li minn naha tal-ortopedija l-problemi ta' Gafa kienu ksur fis-sinsla toraci, *thoracic spine*, u fl-ewwel kustilja, u sab minn naha tieghu li Gafa kien qed isofri minn disabilta' ta' 1% filwaqt li d-disabilta' tieghu flimkien ma dik ta' Mr Norbert Vella kienet ta' 6%.[23]

Illi **Ian Joseph Schiavone** jixhed li kien ghadu kif telgha mill-bahar u ra lil Dulton gej bil-vettura. Dan dawwar u *"Christian Gafa nizel fit-triq u Joshua Debono nizel mill-bankina u niftakar baqa' gej. Haseb, fl-opinjoni tieghu, haseb li ser jersaq Christian. Christian haseb li ser jieqaf Dulton. Pruvaw jevitaw lil xulxin fl-istess direzzjoni u habtu."* Dwar l-velocita` tas-sewqan ta' Magri jghid li dan ma kienx ghaddej la bil-mod u lanqas bis-sahha hafna.[24] In kontro-ezami jghid li Gafa kien fin-nofs tat-triq[25] u dan kien isir peress li, ta' tfal li kienu, meta kienu jaraw karozza gejja kienu jiccajtaw billi johorgu ghan-nofs tat-triq biex is-sewwieq ma jghaddix izda dan kien isir meta il-vettura tkun qed tinstaq bil-mod u *"mhux f'dak l-estrem"*;[26] *"Biex ma jghaddix u biex jieqaf hux biex naqbdu mieghu ha nghidu hekk, biex naqbdu mieghu...friendly way ta m'hi xejn"*.[27] Ikompli *"Huma ppruvaw jevitaw lil xulxin u marru fl-istess direzzjoni."*[28] Filwaqt li **jikkonferma li l-vettura ma kienitx qed tinstaq b'sewwqan esagerat jew perikoluz**.[29] In ri-ezami jixhed li ma Dulton qatt ma kienu iccajtaw hekk qabel[30] u li lil Christian rah ***"fin-nofs tal-lane. Tal-lane li kien qieghed gej Dulton..... mbaghad x'hin rah gie daqxejn qrib ipprova jmur in-naha l-ohra tat-triq imbaghad.... Ghax huma marru jevitaw lil xulxin fl-istess naha."***[31]

Illi **Owen Steve Faenza** ukoll jaghti verzjoni simili *"Christian hareg lejn nofs tat-triq u Dulton biex jevitah mexa n-naha....Il-raguni li hareg biex iwaqqfu, biex jitkellmu....ta' hbieb."*[32] Kemm dan ix-xhud kif ukoll Debono jghidu li t-triq ma kienitx mdawwla sew ghalkemm dwal kien hemm.[33] Lil Magri rawh

---

[19] Fol.235
[20] Dok. PC5 a fol.237 et seq.
[21] Dok. PC6 a fol.259 et seq.
[22] Fol.262
[23] Fol.266. Vide Rapport, Dok. PC7 a fol.270 et seq.
[24] Fol.48
[25] Fol.419-420
[26] Fol.420
[27] Fol.421
[28] Fol.423
[29] Fol.424
[30] Fol.425
[31] Fol.428
[32] Fol.57
[33] Fol. 42 per Debono u fol. 59 u 67 per Faenza

gej ferm qabel ma wasal,[34] ***"Izda Christian kien hareg lejn in-nofs tat-triq u peress li kien qieghed f'nofs tat-triq, bilfors ried jevitah****....".*[35] Faenza jghid li Magri ma kienx qed jitkessah fis-sewqan u dwar l-speed jghid *"Mhux bil-mod imma mhux li qed itellaq. Speed moderat nghid ghalija jien."*[36] Jiddeskrivi li Gafa ghajjat lil Magri biex ikellmu *"gholla jdejh biex jieqaf u ghajjatlu...Brake kien hemm zgur...brake kien hemm....Meta kien qieghed il-boghod ghamillu sinjal, mhux x'hin gie quddiemu ezatt."*[37] Ix-xhud izid li Gafa beda jaghmel is-sinjal waqt li kien miexi lejn in-nofs tat-triq fejn imbghad **qabad u qasam**. Jispicca billi jghid li **Magri *"waqaf qabel l-incident"***.[38]

Illi **Joshua Debono** ukoll ta x-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri. Spjega kif hu u shabu inkluz hu l-imputat, Eman Magri, kienu wasslu biex jirritornaw lejn darhom meta raw lill-imputat gej. Dan mar idawwar biex huh jitla' mieghu. *"Jigifieri konna fuq il-bankina miexjin lura,* ***hareg Christian Gafa jxejjirlu biex jieqaf, ghal nofs it-triq...b'xi mod Christian Gafa qaleb ghal-lane l-ohra u fl-istess hin ghamel l-istess Dulton. Kien hemm sinkronizzazzjoni hazina*** *u mbghad kif nissoponi realizza, zamm il-break u sfortunatament laqghat lil [Gafa]".*[39] Ikompli li milli jiftakar, Magri *"ma kienx qed isuq b'xi speed esagerat. B'speed moderat pero...ma kienx hemm lightening sew...fl-opinjoni tieghi kien ghaddej bi speed moderat."* Ix-xhud jiddeskrivi dak li wassal sabiex Gafa jintlaqat *"Bazikament kif kien gej Dulton, ghajjatlu biex jigi lura lil Christian pero dak il-hin jew ma semghanix jew ma tax kaz...".* Ftakar li Gafa xejjer lil Magri biex jieqaf ***"Meta kien f'nofs tat-triq, iva ghamillu sinjal.".***[40] Ikompli *"Dulton kien qieghed fuq il-lane li suppost kien qieghed fuqha, gej lura biex imur id-dar...Christian Gafa nizillu ghat-triq...Imbghad Christian qasam fuq il-lane l-ohra li tigi fuq il-left tieghu...U fl-istess hin Dulton qasam ghal lane l-ohra....Dulton smajtu jibbrejkja....waqt li kien qed jibbrejkja sab lil Chrstian quddiemu.".*[41] Ghalkemm ilkoll nizlu minn fuq il-bankina Gafa baqa hiereg ghan-nofs tat-triq[42] fil-hin li kien qed isuq il-vettura fid-direzzjoni taghhom u fil-fatt ghajjat lil Gafa biex imur lura.[43]

In kontro-ezami jispjega *"dak il-hin meta kien gej lura Dulton, konna qeghdin fuq il-bankina pero Christian Gafa nizel ghat-triq, beda qisu jaqbez lagenba fit-triq u jxejjirlu biex jieqaf peress li kien hemm ..... mhux sideways hekk beda jimxi ghan-nofs tat-triq. ... U lejn il-lane l-ohra fil-verita' iva..... Fil-hin tal-lane li kien suppost gej minnha Dulton li tigi tal-left sewwa, iva,* ***filfatt dak il-hin Dulton qaleb beda jaqleb ghall-lane l-ohra pero baqalu ghan-nofs tieghu fil-verita`"***[44] Ix-xhud jghid li hekk kif Dulton ra lil Gafa fin-nofs tat-

---

[34] Fol.60
[35] Fol.61-62
[36] Fol.62
[37] Fol.65
[38] Fol.69
[39] Fol.36
[40] Fol.38
[41] Fol.40
[42] Fol.41
[43] Fol.42-43
[44] Fol.432-433

triq, Dulton kiser lejn in-naha tal-lemin biex jevitah u **jeskludi li Dulton baqa' isuq ghal fuqu**, u jkompli *"Dulton, kien gej lura fuq il-lane tal-left facing li ha johrog il'barra. Malli kkalkula li hemm Christian quddiemu, qaleb ghall-lane l-ohra [biex jevitah] waqt li sfortunatament.. Sfortunatament [Gafa] baqalu lejn in-nofs tieghu u ghalhekk laqtu..... mbaghad malli rah qieghed close wisq qisu rrealizza li they both were in trouble in a way, u Dulton ghafas il-break u Christian qabez fuq il-genb, filfatt laqtu waqt li qisu qabez Christian."*[45] Ifisser li Gafa qabez fuq il-karregjata opposta (li tiehdok lejn il-power station) u kiser lejn id-direzzjoni ta' Dulton fl-istess waqt li Dulton kien qed jipprova jevitah.

Debono jaghti stampa ta' dak li sehh quddiem ghajnejh *"meta Dulton kien gej lura mill-left, at that point Christian kien qieghed fil-lane tal-left. Issa beda jxejjirlu biex qisu jieqaf, u nimmagina li* ***Dulton in a way qisu njorah jigifieri ma riedtx jieqaf. Qaleb ghall-lane l-ohra u Christian baqalu fil-dik tieghu. Malli rrealizza li ha jolqtu naf zgur li ntaghfas il-break u laqat lil Christian."***[46] Isostni wkoll li fil-hin li Gafa kiser ghan-naha l-ohra Magri *"was still quite off"* u l-**imputat u l-parte leza setghu jaraw lil xulxin** *"Kulhadd kien fuq il-bankina, jien kont tahtha ezatt...u* ***Christian kien qieghed pretty much fin-nofs tal-lane....baqalu fid-dritt tieghu iva. Baqalu in his line of vision****.... he was jumping literally to the side u kiser ghal quddiemu."*[47] Jikkonferma li kien hemm drabi ohra meta Gafa kien jaghmel azzjoni simili u cioe' jaqbez ghan-nofs biex iwaqqaf vettura izda mhux ma Magri.[48] Ix-xhud jghid li hu nnifsu kkalkula li Magri kien ser jolqot lil Gafa u kien ghalhekk li widdbu biex ma johrogx il-barra; Gafa beda jhares lejn Dulton.[49]

Illi l-**Perit Valerio Schembri,** fir-relazzjoni tieghu li giet kkonfermata meta xehed f'dawn il-proceduri,[50] kien kkonstata li l-vettura kienet wiccha fid-direzzjoni opposta ta' kif jghaddi t-traffiku, ossia kienet fil-karregjata li minnha t-traffiku jghaddi fid-direzzjoni minn Marsaxlokk lejn il-power station, izda b'wiccha fid-direzzzjoni opposta u cioe` mill-power station lejn Marsaxlokk. Aktar lura mill-vettura instab qiegh ta' karkur u biswit il-linja kontinwa li taqsam iz-zewg karregjati, instabet l-parti ta' fuq tal-istess karkur. Fuq il-linja kontinwa bajda li tifred iz-zewg karregjati tat-triq kien gie nnutat likwidu hamrani[51] – indikazzjoni cjara tal-posizzjoni li kien fiha l-parte leza meta intlaqat!

Illi l-espert **Mario Buttigieg** xehed u kkonferma r-rapport tieghu[52] fejn iddetermina li t-triq kienet xotta u l-vizibilita` kienet tajba. Illi d-dawl ta' toroq kienu kollha mixghula u kienu f'kundizzjoni tajba fil-hin li fih sar l-

[45] Fol.436
[46] Fol.437
[47] Fol.439
[48] Fol.441
[49] Fol.442
[50] Fol.247
[51] Fol.92
[52] Fol.249

access.[53] Osserva li l-vettura FBQ679 halliet tmintax punt tnejn metri (18.2m) *brake marks* – distanza kemmxejn twila li turi li definittivament is-sewwieq ghamel hiltu sabiex jipprova jevita milli jolqot lil Gafa. L-espert iddetermina li l-parte leza intlaqtet b'velocita` ta' 52 kph u mill-kalkoli tieghu[54] irrizulta li l-vettura kienet qed **tinstaq b'velocita` ta' 58kph u dan kien fil-limitu legali ta' 60kph indikat fil-Highway Code**. Madanakollu Buttigieg sab li *"din il-velocita` giet akkumulata f'temp u tul ta' triq limitat. Illi Magri kien ghadu kif ghamel U-turn u f'dan il-punt il-vettura bdiet terga' tinstaq mit-tarf tat-triq ghal barra. Illi Magri kellu jaghfas il-gass sostanzjalment sabiex il-vettura akkumulat it-tali velocita`….ma jistax jigi mifhum ghalfejn Magri kellu jgholli daqstant il-velocita` meta huwa kellu jieqaf hdejn shabu iktar il-fuq.* ***Illi s-sewwieq dejjem u fi kwalunkwe moment kellu l-obbligu li jhares is-sigurta` ta' min kien fit-triq….x'hin ra li z-zewg pedestrians [Debono u Gafa] that it-triq hu kellu d-dmir illi jwaqqaf il-vettura u mhux jibqa' ghaddej bl-istess velocita`….*** *jibqa' wkoll il-fatt li ghal dawk l-akkwati hu kien qed isuq b'velocita` eccesiva….Dulton Magri kien ikun kapaci jikkontrolla l-vettura tieghu u* ***ma kienx jolqot lil Christian Gafa kieku baqa' ghaddej dritt u mhux qaleb il-karregjata u saq b'velocita` ferm inqas****. Illi l-fatt illi Gafa gie milqut b'mod frontali jaghti x'jifhem illi x'hin rah quddiemu, Magri ma ppruvax jevita illi jolqtu u jdawwar l-isteering hekk kif jigi l-ewwel istint naturali illi bniedem jaghmel fic-cirkostanzi."*[55]

In kontro-ezami l-espert Buttigieg jispjega kif hadem il-kalkoli tieghu fejn ma kienx necessarju li juza l-istess vettura jew wahda identika minhabba li ried jiddetermina biss il-*co-efficient of friction* ta' bejn it-*tyres* u triq sabiex jasal ghall-velocita` li kienet qed tinstaq il-vettura.[56] Jikkonferma li ghalkemm hu ghamel riferenza ghal regolamenti tal-Highway Code dawn japplikaw f'kaz ta' pedestrian li qed jaqsam it-triq b'mod normali.[57] Madanakollu l-espert Buttigieg kien tal-opinjoni li filwaqt li l-vittma kien qed jaqsam mill-left ghar-right tat-triq, Magri *"setgha facilment baqa' ghaddej fuq il-karreggjata tieghu li m'ghamilhiex, ghal xi raguni dan mill-karreggjata tal-left qaleb ghal fuq ir-right."*[58] Skond ix-xhud, u kif anke tqis din il-Qorti, kieku l-imputat baqa' jsuq fil-karregjata tieghu (fuq il-left) bi speed moderat, qatt ma kien ser jasal biex jolqot lil Gafa.[59] L-istess espert ma jsib ebda spjegazzjoni ghaliex il-parte leza kellu johrog ghan-nofs tat-triq u kien ghal dan il-fatt li ma attribwixxa ebda negligenza kontributorja lil Gafa. Buttigieg ikompli li *"Il-breakmarks jibdew minn nofs, a fol. 30 litteralment il-break marks qeghdin fuq il-karreggjata l-hazina jigifieri dan suppost kien qieghed*

[53]Ghalkemm l-espert ha ix-xhieda bil-gurament ta' diversi persuni inkluz l-imputat, ma jirrizultax li dan kellu l-inkarigu jiehu x-xhieda bil-gurament ghalkemm seta' gie zgwidat mill-fatt li d-digriet tan-nomina kien li kellu jespleta l-inkarigu lilu moghti *"b'kull mezz li jidhirlu xieraq"*. Ghalhekk l-Qorti qed tikkunsidra unikament ir-rizultanzi teknici izda mhux id-deposizzjonijiet mehudha mill-abbli espert.
[54] Fol.33 et seq. tar-rapport
[55] Fol.143
[56] Fol.399
[57] Fol.403-404
[58] Fol.405
[59] Fol.406

*fuq din in-naha."*[60] Jirrizulta lill-espert ukoll li meta ntlaqat Gafa dan kien gja lahaq qasam tliet kwarti tat-triq meta safa milqut, *"Manuvra li ma nistax nifhem ghalfejn saret din ghax dan kellu l-wisa' kellu l-karreggjata tieghu kienet litteralment vojta."*[61]

L-espert Buttigieg jikkonferma li l-*brake marks* kienu dijagonali u bdew minn naha tax-xellug tat-triq u baqaw sejrin fejn sussegwentement waqaf[62] izda fir-rapport tieghu u kif jixhdu r-ritratti jinghad il-kontra.[63] Fid-dawl ta' din id-divergenza, bejn dak li jixhed u dak li jikkonkludi fir-rapport tieghu l-espert Buttigieg, il-Qorti qed tistrieh fuq ir-ritratti a fol.165-166 minn fejn jirrizulta li l-*brake marks* jidhru fil-karregjata tal-lemin (vicin il-hajt fil-karregjata li tiehdok lejn il-power station izda fejn il-karozza spiccat thares fid-direzzjoni opposta (lejn Marsaxlokk). Dan imbaghad jigi kkonfermat mill-pjanta[64] maghmula mill-Perit Valerio Schembri; pjanta ferm spjegattiva u li fiha jigi indikat mhux biss il-brake marks, izda anke il-post fejn instab il-qiegh tal-karkur u d-dmija[65] – indikazzjoni ferm cara li Gafa kien qasam u lahaq issupera in-nofs tat-triq sew meta safa milqut.[66] F'din il-pjanta jirrizulta bic-cjar li l-*brake marks* bdew u spiccaw f'direzzjoni dijagonali fil-karregjata opposta kif inghad. **Jirrizulta li Gafa kien qasam aktar minn nofs tat-triq meta ntlaqat.**

Issir riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizja vs Alan Agius**:[67]

L-awtur Gibb fil-ktieb tieghu "Collisions on Land" (section 148) jghid: "If the plaintiff was struck immediately after he stepped off the kerb onto the roadway, the position is the same as in the case of his attempting to cross a street, the Court may refuse to believe that he had looked and failed to see the car. If, however, the plaitiff walked quite a distance before he was struck, it is less likely that the accident was unavoidable on the part of the motorist." [emfazi tal-Qorti]

F'dan il-kaz il-vittma lahaq qasam bicca sew mit-triq qabel ma ntlaqat mill-vettura fi triq illi kienet imdawwla sew u ma kien hemm l-ebda raguni il ghala l-appellant ma kellux jinduna bil-vittma kwazi magenb il-karozza tieghu. Fil-fatt l-appellant lanqas induna b'xejn il ghaliex huwa irrealizza illi seta' gara xi haga meta hass id-daqqa mal-karozza fuq in-naha tal-lemin tieghu fejn allura kollox kien in plain view u ma kien hemm l-ebda ostakolu bejn il-pozizzjoni tas-sewqan tieghu fuq il-lemin u l-vittma tavvicina minn fuq illemin illi ma jarax il-vittma f'distanza daqshekk qasira. Anki li kieku l-appellant kien mohhu fil-pelican lights, b'daqshekk ma jfissirx illi ma kellux jinduna bil-vittma tersaq lejh proprju min-naha tas-sewqan tieghu. [emfazi tal-Qorti]

L-appellant jista' jargumenta illi l-vittma wettaq certa nuqqasijiet meta qasam it-triq fi stat ta' sokor. Dana, però, mhuwiex ta' konfort ghall-appellant. Fil-kawza **Said versus Fountain** (Vol. LXLII, part 1, pagna 15) il-Qorti qalet, "F'materja ta' danni kagunati f'incident tat-traffiku, xejn ma jiswa biex jezenta

[60] Ibid.
[61] Fol.407
[62] Fol.409
[63] Fol.128; fol. 22 tar-rapport. Jinghad izda li r-ritratti li juru l-brake marks huma MB16 u MB17.
[64] Fol.95
[65] Fol.164, 166, 167
[66] Fol.95
[67] Appell Kriminali, Deciz 11 ta' Lulju, 2013

minn kull responsabiltà lill-awtur tad-danni l-fatt li l-attur li jfittex id-danni kien kontraventur meta gie investit minn karozza, u li l-kontraventur ma jimmeritax il-protezzjoni tal-ligi, ghaliex hu principju ormai pacifiku fil-ligi li min qieghed isuq karozza ghandu juza lmezzi kollha biex jigu evitati l-konsegwenzi tan-nuqqas ta' haddiehor; u jekk ma juzax dawn il-mezzi, huwa jkun legalment responsabbli avolja hu jkun qieghed josserva rigorozament ir-regolamenti." (ara ukoll XXVII, part 1, pagna 988; XXIV, part 4, pagna 740; XXX, part 4, pagna 616, 625). L-istess jinghad fil-kawza **Il-Pulizija versus Mifsud** (XXXVIII, part 4, pagna 859) "Anke fl-assenza hawn Malta, ta' regolamenti li jiddixxiplinaw lill-pedestrians hu cert li, anki meta jkun fil-carriageway il-pedestrian huwa intitolat ghall-uzu ta' diligenza ordinarja mill-parti tad-drivers f'dik il-carriageway. Il-pedestrian li jaqsam ittriq ghandu d-dritt kollu li d-driver juza d-diligenza mehtiega biex jevitah, anki jekk il-pedestrian jaqsam negligentement, u d-driver ghandu jkun ritenut responsabbli jekk ikun naqas minn xi dmir tieghu b'mod li jkun pogga ruhu f'pozizzjoni li ma setax jevita l-investiment tal-pedestrian."

Ma hemmx dubbju ghal din il-Qorti li Magri iddecieda jaqleb ghall-fuq l-karregjata opposta u jsuq *wrong way* meta ra li Gafa, li ma riedx jaghti widden ghat-tixjir ta' idejh biex iwaqqfu, kien baqa' fil-karregjata tieghu. Kif jixhdu shab Gafa, partikolarment Debono, Gafa ghamel hin fil-left lane izda kif hekk kif ra li Magri ma kienx ser jieqaf resaq ghal fuq il-karregjata opposta. **Magri ddecieda li jinjora lil Gafa u jibqa' sejjer fi triqtu minghajr ma jieqaf jew ghall-inqas inaqqas il-velocita` kif kellhu obbligu jaghmel galadarba qed jara persuna fil-*line of vision* tieghu w addiritura fil-karreggjata tieghu![68]** Kif qatt seta' jobsor Gafa li Magri kien ser ikompli jsuq *wrong side*, in-naha lejn fejn kompla jaqsam it-triq? Dan kollu gara biex Magri jevita milli jieqaf ikellem lil Gafa!

Il-Qorti qiset ir-regolamenti fl-hekk imsejjah Highway Code ossia il *Kodici Ghat-Traffiku Fit-Triq* li *inter alia* jipprovdi ghas-segwenti regoli:

**Driving along**

**157. KEEP WELL TO THE LEFT**, except when you intend to overtake or turn right. Do not keep in the middle of the road. Do not cut corners.

**Lane discipline and carriageway markings**

**162.** Where the carriageway is marked out by means of white lines, abide by such lines.

**167.** Keep well within the traffic lanes. Do not drive over or astride the white lines.

**Changing direction**

**192.** Signals alert other road users, including pedestrians, of your intended actions.

**193.** You should:
• give clear signals in plenty of time, after establishing it is not misleading to signal at that time.
• signal, before changing course or direction, either to the left or right, stopping or moving off.

[68] Per Joshua Debono a fol.437: ***Dulton in a way qisu njorah jigifieri ma riedtx jieqaf. Qaleb ghall-lane l-ohra u Christian baqalu fil-dik tieghu. Malli rrealizza li ha jolqtu naf zgur li ntaghfas il-break u laqat lil Christian."***

**273.** These are absolute maximum speeds, but there are numerous situations where prudence demands a lower speed in view of road surface and configuration, weather conditions, traffic density and presence of pedestrians or other hazards.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ludwig Micallef** gie deciz:[69]

"Jispetta ghalhekk lill-Prosekuzzjoni tipprova b'mod konklussiv illi l-incident li fih miet Clifford Micallef sehh unikament jew almenu in parti, tort ta' negligenza, traskuragni w nuqqas t'osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-imputat li tajjarha.

Sabiex tipprova dan il-Prosekuzzjoni ma tistax tistrieh fuq dak li l-Qorti tista' tahseb li gara, ghaliex il-gudikant irid necessarjament jiddeciedi *iuxta allegata et probate*. Id-dover tal-Prosekuzzjoni hu allura li jipprezenta quddiem il-Qorti, kaz konvincenti u pprovat li adegwatament jistabilixxi l-htija tal-imputat ghall-akkadut, li tipprova kondotta voluntarja, negligenti, konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb 'imprudenza', 'negligenza' jew 'traskuragni' jew ta' hila, ta' 'imperizja' fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikament fin-nuqqas ta' osservanza tal-Ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn akkadut dannuz u involontarju.

Dan ifisser li fil-materja tal-kolpuz hemm necessarjament l-element t'attivita diretta ghal xi fini partikolari, li minhabba nuqqas ta' certu prekawzjoni jistghu jigu lezi jew danneggjati jew impregudikati l-interessi ta' terzi. Il-konnotat karetteristiku tal-kulpa huwa l-prevedibilta' tal-event dannuz, li kondotta llegali ta' xi hadd tista' ggib. Din hija l-kulpa normali jew l-hekk imsejha 'colpa incosciente' a differenza minn dik imsejha 'colpa cosciente', li hija l-kulpa bl-element fiha tal-previst tal-akkadut.

Hemm diversi forom ta' kodotta kolpuza derivanti minn att ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non ossevanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili.

L-imprudenza tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli.

In-negligenza tigi mid-disattenzjoni u disakkuratezza tal-agent fil-kondotta tieghu.

L-imperizja hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali cioe' kif jghid **Manzini**:- "L-inettitudine e insuficienza professionale generale o specifica, nota all' agente di cui egli vuole non tener conto".

Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghal non osservanza tal-ligijiet, regolamenti, odnijiet u simili bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-Ordinanza tat-Traffiku –Kap 65, il-High Way Code – Motor Vegicle Regulations – bl-iskop li jigu evitati l-possibiltajiet ta' hsara u dannu lil terzi.

Il-Qorti hi ghalhekk sejra tezamina bir-reqqa x'inhuma l-ingredjenti tar-reat principali in ezami, u cioe' ta' dak kontemplat fl-**Artikolu 225 tal-Kap. 9,** u cioe' tar-reat li bih gie akkuzat l-imputat, u cioe' omicidju involontarju. L-**artikolu 225 tal-Kap 9** jiddisponi s-segwenti:

"Kull minn b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, jikkaguna l-mewt ta' xi hadd ..."

---

[69] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-17 ta' Awwissu, 2010, Nru 753/2006 per Onor. Magistrat Dr. Consuelo-Pilar Scerri Herrera. Il-konsiderazzjonijiet legali maghmula minn din il-Qorti gew abbracciati fis-sentenzi tal-istess Qorti, diversament preseduta fil-kawzi fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Edward Bonnici** (27.010.2016), u **Il-Pulizija vs Rudolph Gatt** (03.02.2016), it-tnejn per Onor. Magistrat Dr. Josette Demicoli.

Issa ghalhekk, wiehed irid jifli l-elementi li jikkostitwixxu dan r-reat, li huma bazikament tlieta u cioe:-
1. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti;
2. kkaguna l-mewt ;
3. fuq persuna.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-21 ta' Marzu 1996 fl-ismijiet **il-Pulizija vs Richard Grech** dik il-Qorti sostniet is-segwenti:-

"Huwa mehtieg ghal kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-artikolu 225 tal-Kodici Penali, li tirrikorri kondotta volontarja, negligenti – konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb, imprudenza fl-arti jew fil-professjoni, jew konsistenti specifikament f'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn event dannuz involontarju. Ghandu jigi premess li ghal accertament tal-htija minhabba f'kondotta effettivament adegwata ma' dik ta' persuna li s-sapienza umana identifikat mal- bonus pater familias, dik il-kondotta cioe' fil-kaz konfet, kienet tigi uzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita normali, kriterju dan li filwaqt li jservi ta' gwida objettiva ghal gudikant, jhallieh fl-istess hin, liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret."

L-awtur Taljan **Giorgi** fil-ktieb tieghu **Teoria delle Obbligazione** – 1127 pagna 46 ighid:-

"La diligenza del buon padre di famiglia costituisce in criterio abbastanza indeterminate per lasciare al giudice Liberta' di valutazione".

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Leonard Grech** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa ta' Settembru, 1990, il-Qorti dahlet fid-dettal dwar in-natura tal-kolpa f'dawn il-kawzi. In succint fuq skorta ta' awturi u gurisprudenza, t-trepod tal-kolpa gie definit bhala:
1. la volontarieta dell'atto;
2 la mancata previsione dell'effetto nocivo;
u
3 la possibilita di prevedere.

Bhala konkluzzjoni tad-definizzjoni li din il-Qorti trid taghti lit-terminologija culpa, ghalhekk jibqa' dejjem li l-element taghha huwa <u>volontarjeta' tal-att, in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att u l-possibilta' ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi.</u> Jekk l-effetti dannuzi ma kienux prevedibbli, hlief b'diligenza straordinarja li l-ligi ma tesigix u li semmai tista' ggib culpa levissima li ma hiex inkriminabbli, ma hemmx htija. (vide **Il-Pulizija vs John Vella** deciza nhar il-15 ta' Dicembru 1958 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali). [sottolinejar tal-Qorti]

X'inhu l-obbligu tas-sewwieq fil-posizzjoni tal-imputat? Ir-risposta tohrog mil-Ligi u senjatament mill-Artikoli 225 u 226. Dan jimporta li l-prosekuzzjoni trid tipprova, f'kazijiet bhal dak odjern, illi l-imputat kien kolpevoli ta' nuqqas ta' hsieb, jew ta' traskuragni jew li naqas li jhares xi regolamenti, f'dan il-kaz, r-regolamenti tat-traffiku. Il-prosekuzzjoni trid tipprova in-nexus bejn il-mewt tal-vittma u t-traskuragni tal-imputat, liema nexus irid irendi t-traskuragni l-kawza immedjata u prossima tal-effett, wara trid ukoll tipprova li t-traskuragni kienet culpable negligence u cioe' li tammonta ghal criminal misconduct. (vide **Il-Pulizija vs Manuel Schembri** deciza nhar it-28 ta' Novembru 1949 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali.)

Irid jigi determinat allura jekk l-imputat kienx hati ta' xi nuqqas ta' hsieb jew traskuragni jew ta' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti…. .""

Issir riferenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Aaron Camilleri et**:[70]

"Kif inghad fis-sentenza **Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg et**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Lulju 1998, "Skond l-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali, sabiex jirrizulta d-delitt ta' omicidju involontarju, hemm bzonn li tirrikorri kondotta volontarja negligenti, konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb (imprudenza), negligenza jew traskuragni, jew ta' hila (imperizja) fl-arti jew professjoni, jew konsistenti specifikatament fin-nuqqas ta' osservanza talligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, li tkun segwita b'ness ta' kawzalita`, minn akkadut dannuz involontarju".

Il-gurist **Francesco Carrara** jghid hekk dwar il-culpa, "… il tripode sul quale si aside la colpa sara` sempre questo - 1° volontarieta` dell'atto - 2° mancata previsione dell'effetto nocivo - 3° possibilita` di prevedere."[71]

Bl-istess mod, il-**Professur Anthony J. Mamo**, fin-noti tieghu, jghid hekk:

"In these definitions the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen. The agent who caused the event complained of, did not intend or desire it, but could have foreseen it as a consequence of his act if he only had minded: <u>so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable</u>".[72] [sottolinejar tal-Qorti]

U fis-sentenza fuq citata, gie ritenut hekk dwar il-kondotta kolpuza:

"… kondotta kolpuza hija definita bhala kondotta volontarja li tikkaguna event dannuz, mhux volut, izda prevedibbli, li seta' jigi evitat bl-uzu ta' attenzjoni jew prudenza fi grad ta' persuna normali".

Hemm diversi forom ta' kondotta kolpuza derivanti minn att ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non ossevanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili.

L-imprudenza tekwivali ghal "un atto inconsiderato e rischioso" maghmul b' "leggerezza" jew "sconsideratezza"[73] u kif jghid **Antolisei**, "L'imprudenza e` propriamente l'avventatezza, l'insufficiente ponderazione ed implica sempre una scarsa considerazione per gli interessi altrui".[74] U kif insibu fin-**Novissimo Digesto Italiano**, "Si comporta con imprudenza che tiene una condotta positive dalla quale occorreva astenersi perche` capace di cagionare un determinate evento di danno o di pericolo, o che e` stata compiuta in modo non adatto, cosi` da essere, pericolosa per l'altrui diritto penalmente tutelato. E`, quindi, una forma di avventatezza, un agire senza cautela."[75] Bl-istess mod, fissentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg et, fuq citata inghad illi "L-imprudenza tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli".

[70] Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Onor. Magistrat Dr Natasha Galea Sciberras, 25.04.2014, Kump. Nru 609/1993

[71] Carrara F., "Programma Del Corso Di Diritto Criminale", Vol. I (Parte Generale), p. 88.

[72] Prof. Sir A. J. Mamo, Lectures in Criminal Law, p. 67

[73] Dizionario Zingarelli, (2002) "Vocabalorio della Lingua Italiana", Nicola Zingarelli (Edizzjoni 12, Gunju 2001).

[74] Antolisei F., "Manuale di Diritto Penale: Parte Generale", Edizzjoni 15 (Giuffre`, 2000), p. 366.

[75] Novissimo Digesto Italiano, Vol. III, p. 548.

In-negligenza tigi mid-disattenzjoni u disakkuratezza tal-agent fil-kondotta tieghu, fil-waqt illi "l-imperizja hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali cioe`, kif jghid il-**Manzini**: inettitudine e insufficienza professionale, generale e specifica, nota all'agente, di cui egli vuole non tener conto".[76]

Skond l-imsemmija sentenza, "**Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghal nonosservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-awtorita` pubblika dwar xi attivita` determinata u specifika bl-iskop li jigi evitat il-possibilita` ta' hsara u dannu lil terzi, cjoe`, dawk li jkollhom l-element tal-prevenzjoni." Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghalhekk ghal non ossevanza tal-ligijiet u regolamenti bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-Ordinanza tat-Traffiku (Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta) u l-High Way Code – Motor Vegicle Regulations, fost regoli ohrajn.**[emfazi tal-Qorti]

Dwar id-diligenza rikjesta fil-kamp kriminali, il-**Professur Anthony Mamo** jghid illi "The amount of prudence or care which the law actually demands is that which is reasonable in the circumstances of the particular case. This obligation to use reasonable care is very commonly expressed by reference to the conduct of a 'reasonable man' or of an 'ordinarily prudent man', meaning thereby a reasonable prudent man: "negligence", it has been said, "is the omitting to do something that a reasonable man would do, or the doing something that a reasonable man would not do" … What amounts to reasonable care depends entirely on the circumstances of the particular case as known to the person (**Carrara,** Programma, § 87n.) whose conduct is the subject of enquiry. Whether in those circumstances, as so known to him, he used due care – whether he acted as a reasonably prudent man – is in general a mere question of fact as to which no legal rules can be laid down.""[77]

Illi sabiex tirrizulta l-*culpa*, din il-Qorti trid tassigura ruhha li jezisti ness bejn xi att attribwibbli lill-imputat u r-rizultat, u cioe' bejn l-att li holoq id-danni u d-danni rizultanti. Dawn l-insenjamenti huma applikabbli ghall-artikolu 226 tal-Kodici Kriminali fejn l-persuna ghalkemm ma tkunx tilfet hajjitha, tkun sofriet xi tip ta' ferita.

Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali fid-decizjoni taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Robert Brincat** iddikjarat: **[78]**

Illi gie ritenut mill-Qrati Taghna li "*Hu dover ta' "driver to see what is in plain view".* (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Joseph Vella" -** [10.8.1963] ) u li "*min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara, ifisser li ma kienx qed izomm "a proper lookout"* (Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. J.M. Laferla"** [17.6.1961] ). "*Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead. It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well."* ("**Newhaus vs. Bastion Insurance Co. Ltd."** [1968])……

Illi kif gie gustament ritenut f'sentenza ohra tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) f'sentenza moghtija fil-21 ta' Mejju 1960 fl-ismijiet **il-Pulizija vs Anthony Spiteri:** "Driver ta' karozza ghandu inegabbilment, fost ohrajn, zewg doveri: wiehed, dak li jzomm a *proper lookout* ghall-vejikoli, *pedestrians*, u *road-users* ohra; l-iehor, dak illi waqt is-sewqan hu jkun f'posizzjoni tali li jkollu f'kull hin kontroll sewwa tal-vejikolu." Il-Qorti osservat "ma ghandux jintesa illi l-accidenti stradali huma ta' spiss kwistjoni ta' disattenzjoni ta' *split second* u l-kontingenzi tat-traffiku jistghu jkunu subitanei u inaspettati.

---

[76] **Il-Pulizija vs Saverina sive Rine Borg**, fuq citata
[77] Lectures in Criminal Law (First Year), p. 71.
[78] Dec 22.11.2007 per Onor Imhallef Dr. Joseph Galea Debono.

Dan hu certament sewqan negligenti; u ma jistax biex jeskludieh il-fatt illi it-triq kienet wiesgha u illi traffiku iehor ma kienx hemm fit-triq, u cirkostanzi ohra tal-mument. … ghal sewqan negligenti ma hemmx bzonn tal-vjolazzjoni ta' normi guridici specifici, imma bizzejjed li jkun hemm negligenza, fis-sens ta' nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita is-sinistri stradali."

Illi f'decizjoni ohra tal-istess Qorti gie deciz:-

… biex nuqqas ta' proper look out iwassal ghall-responsabbilta penali l-Qorti trid tkun sodisfatta illi kieku ma kienx ghal dak in-nuqqas dik il-hsara x'aktarx kienet tigi evitata jew x'aktarx li ma kenitx issehh f'dak il-grad li effettivement sehhet...[79].

Imbaghad fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Clive Vella**[80] saret referenza ghal sentenza ohra moghtija mill--Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Frar, 2003, fis-sentenza fl-ismjiet: **Il-Pulizija vs Francis William Peter George Zarb Adami**:

'F'kazijiet ta' incidenti stradali, hemm certa presumptions of fact li johorgu mill-assjem tar-rizultanzi ta' dak l-incident, li fil-gurisprudenza antika kienu jissejhu 'res ipsa loquitur u li llum ikun korrett li jissejhu circumstantial evidence u li jistghu jimmiltaw biex min irid jiggudika jasal ghal certi konkluzjonijiet dwar ir-responsabilita' o meno tal-akkuzat.'[81]

Illi fis-sentenza **Il-Pulizija vs Renald Vella** gie deciz:[82]

*Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza moghtija nhar is-sitta ta' Mejju, 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud**, iddefiniet bl-aktar mod semplici w ezawrenti l-import tat-terminu 'sewqan traskurat' komunement maghruf bl-ingliz bhala 'negligent driving'. Dik il-Qorti sostniet li dan jammonta ghall-kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragjonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur ta' regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun jammonta ukoll ghal sewqan traskurat.*

*L-Imhallef Flores fis-sentenza moghtija nhar it-tmienja ta' Mejju, 1971 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Mamo**, ukoll ta definizzjoni ta' sewqan traskurat. Huwa sostna li:*

*"Ir-reat ta' sewqan traskurat huwa reat ta' perikolu u hu intiz biex jigu prevenuti disgrazzji fit-toroq bl-uzu ta' karozzi b'manjiera riskjuza minghajr ma tittiehed dik il-prekawzjoni li c-cirkostanzi tal-mument jissugerixxu regola fondamentali biex jigu evitati incidenti stradali. Hija l-prudenza li timplika li ma jittiehdux riskji zejda bla bzonn."*

*Issa, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Tanya Sacco** l-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Novembru, 1986, qalet li anke jekk persuna ghandha d-dritta xorta wahda ghandha zzomm a proper look out ghal kull incident li jista' jkun immedjatament prevedibbli biex dan jigi evitat.*
*Illi gie ritenut mill-Qrati taghna accident jista' minnu nnifsu jidher li aktarx gara minhabba htija ta' persuna milli ghal kawzi ohra.*

---

[79] **Pulizija vs Joseph Grech**, deciza 06.06.2003
[80] Qorti ta' l-Appell Kriminali Deciza 14.01.2013
[81] Qorti tal-Appell Kriminali, Deciza 7.02.2003
[82]Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali; Deciza 19.05.2014 per Onor. Magistrat Dr Consuelo Scerri Pilar, citata fis-sentenza tal- Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**, Il-Pulizija vs Joseph Farrugia**, per Onor. Magistrat Dr. Josette Demicoli, Deciza 05.10.2015

*Hawnhekk fuq il-bazi tal-principju ta' res ipsa loquitur, jaqa' fuq dik il-persuna l-piz biex juri li f'dak li gara ma kellux htija. [vide* ***Il-Pulizija vs Nazzareno Farrugia*** *- Vol. XXXIII - pg. 968]*

*Intqal wkoll li jistghu jigu assodati serje ta' fatti li jikkostiwixxu dak li 'in subiecta materia' jissejjah 'res ipsa loquitur' "in such circumstances the facts speak for themselves, if no explanation is given by the defendant". [Davies f'Law of Road Traffic citat b'approvazzjoni fl-Appell Kriminali* ***Il-Pulizija vs Cassar Desain*** *deciz nhar it-tlettax ta' Jannar, 1962).*

*X'hinu l-obbligu tas-sewwieq fil-posizzjoni tal-imputat? Ir-risposta tohrog mill-ligi u senjatament mill-Artikoli 225 u 226. Dan jimporta li l-prosekuzzjoni trid tipprova, f'kazijiet bhal dak odjern, illi l-imputat kien kolpevoli ta' nuqqas ta' hsieb, jew ta' traskuragni jew li naqas li jhares xi regolamenti, f'dan il-kaz, ir-regolamenti tat-traffiku. Irid jigi determinat allura jekk l-imputat kienx hati ta' xi nuqqas ta' hsieb jew traskuragni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti.*

Illi ghandha terga' issir riferenza ghal dak li kompliet issib il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud**, peress li din il-qorti enuncjat it-tifsiriet li ghandhom jinghataw lil kull tip ta'sewqan li jiddipartixxi minn sewqan proprju:[83]

*"Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun jammonta ukoll ghal sewqan traskurat.*

*Sewqan bla kont [reckless driving] hu deskritt fis-subartikolu [2] tal-imsemmi Artikolu 15, bhala 'sewqan bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira, u tinkludi l-kazijiet 'fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandhux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji'.*

*Sewqan perikoluz [dangerous driving] jirrikjedi li fil-kaz partikolari, is-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta' taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kien hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin w il-lokalita' tal-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tlett forom ta' sewqan, f'liema kaz, japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ai finijiet ta' piena, il-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u nvolut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dawk ta' sewqan perikoluz." (vide* ***Il-Pulizija vs Charlotte Chamberlain****, deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa u ghoxrin ta' Mejju, 1950) …….*

Imbaghad fis-sentenza **Il-Pulizija vs Haden Vella** inghad:[84]

….speed jista jkun ecessiv anke jekk ma jiskorriex il-limiti regolamentari ghal dik il-lokalita izda jiskorri dawk dedatti mill-prudenza u mill-fatturi ambjentali tal-mument

Illi hu risaput li fil-kamp penali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, dment li dak li jigri ma

[83] Deciza 06.05.1997 per Onor. Imhallef Dr. Vincent DeGaetano.
[84] Qorti tal-Appell Kriminali, Deciza 12.07.2007

jkunx dovut unikament u eskluzivament ghall-htijiet da parti ta' haddiehor.[85]

Illi fil- *Kodici Ghat-Traffiku* jinsabu s-sgwenti regolamenti:

**13.** Pedestrians (as well as motorists) have responsibilities for the proper use of the road. They may be liable for the consequences to themselves or to others through their failure to observe the Law.

**Walking along**

**14.** Where there is a pavement or adequate sidewalk, use it. Avoid the casual use of the carriageway (jay walking). It is dangerous to yourself and to others.

**18.** Do not under any circumstances walk along the carriageway where this is fenced off from the sidewalk or pavement by means of railings or chains.

**19.** Do not loiter or linger unnecessarily on the carriageway. Remember that the carriageway is first and foremost meant for the circulation of vehicles.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Angelus Bartolo u Omissis** intqal kif gej:[86]

Fis-sistema penali taghna, il-*contributory negligence* tat-terz ma tezonerax lill-akkuzat mir-responsabbilta' kriminali sakemm ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru **"Il-Pulizija vs. P.Vassallo."** (App. Krim. Vol. XXXVIII,iv.p.883) Kif jghid **O.C. MAZENGARB** fil-monografija tieghu "Negligence on the Highway" (Butterworth's Edit.1962 p.327), citat b' approvazzjoni fl-Appell "Camilleri vs.Cutajar" [9.12.1968] *"If the defendant's conduct is itself negligent, he will not be heard to say that his negligence would not have resulted in damage unless somebody else had also been negligent. So long as the damage complained of is the natural and direct outcome of the original negligence, the wrongful interference of another will not relieve the defendant from responsibility."*

Fid-dawl tal-provi migbura, il-Qorti ma tezitax milli issib li **l-azzjoni ta' Gafa kienet azzardata u insensata. Inghad li qatt ma kienet saret azzjoni simili ma Dulton[87] u ghalhekk kien difficli ghalih li jissoponi li ser jigi rinfaccjat b'gennata simili**. Madanakollu mhemmx dubbju li meta tara *pedestrian* f'karregjata tieghek l-vettura ghandha tigi rallentata u mhux tibqa' tinstaq qisu xejn mhu xejn bi ksur tar-regoli tat-triq (meta qabad u qaleb ghal fuq il-kareggjata opposta!). **Ghaldaqstant kienet daqstant iehor azzardata l-azzjoni ta' Magri li minflok jieqaf jew inaqqas il-velocita` meta qed jara persuna f'nofs ta' triq, ghazel li jaqbizha minn-naha ta' barra u jhaddi wrong side**. Lanqas ma jrid jintnesa li minflok dawwar l-isteering, – kif sewwieq mistenni jaghmel biex jevita impatt - Magri baqa' ghaddej fid-dritt tant li Gafa intlaqat b'mod frontali. Ma jridx jintnesa li s-sinistru sehh fi triq wiesa', fejn mill-pjanta jidher wisa' tal-fuq minn 6 metri fuq kull karregjata. Altru li **sewqan diligenti kien iwassal sabiex is-sinistru jigi evitat minkejja li gie precipitat minn Gafa stess, izda**

[85]App. Kriminali: **"Il-Pulizija vs Gaetano Schembri"** [16.3.1961]; **"Il-Pulizija vs. John Polidano "** [3.11.1963] ; **"Il-Pulizija vs. Rev. C. Mifsud"** [Kollez Vol. XXXVII. p.iv. p.1131] u ohrajn; Citati fis-sentenza **Il-Pulizija vs Joseph Farrugia** per Onor Magistrat Dr. Josette Demicoli deciza 5.10.2015

[86] App. Krim. Nru. 123/2006, 11 ta' Jannar, 2007. Onor. Imhallef Dr J. Galea Debono

[87] Xhieda ta' Schiavone

**sfortunatament u certament minghajr l-icken intenzjoni doluza, jirrizulta li l-kondotta ta' Magri kienet tammonta ghal sewqan traskurat li wassal sabiex isehh is-sinistru lamentat**.

Fid-dawl tal-provi migbura u fid-dawl tal-insenjament li saret riferenza ampja ghalih, il-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni rnexxiela tipprova sal-grad rikjest mill-ligi l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat. Illi ghal fini ta' piena t-tieni imputazzjoni hi assorbita fl-ewwel wahda.

Fis-sentenza fl-ismijiet il-Qorti tal-Apell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Pace** gie deciz:[88]

Illi dina l-ipotezi tal-konkors formali tar-reati giet imfissra fl-artikolu 78 tal-Kodici penali Taljan tal-1889: "***Colui che con un medesimo fatto viola diverse disposizioni di legge, e' punito secondo la disposizione che stabilisce la pena piu' grave.***"

Dwar dan il-Professur Mamo fin-Noti tiegħu dawar il-Proċedura (paġina 45) jgħid hekk:
***' In any such case if the agent is tried for any one of the several violations of the law arising out of that fact, be it even the least serious, and a judgement is given, it shall not be lawful to subject the agent to another trial for the more serious violations. This principle, first expressly affirmed in 'Rex versus Rosaria Portelli' has now become settled law."***

"Fil-fatt fit-2 ta' Diċembru, 1939, l-Imħallef Harding fil-każ **'Camilleri versus Cilia'** kien qal li huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna li meta mill-istess fatt, **mibni fuq l-istess intenzjoni,** jinkisru żewġ drittijiet jew aktar, **m'hemmx pluralita' ta' offiżi iżda offiża waħda** bil-vjolazzjoni li jkunu iżgħar jkunu assorbiti fil-vjolazzjoni l-aktar serja. U jekk persuna tkun iġġudikata għal waħda mill-vjolazzjonijiet u jkun meħlus jew jinsab ħati, is-sentenza iżżomm kull prosekuzzjoni ġdida li tista' ssir għal kull vjolazzjoni oħra, ukoll jekk il-vjolazzjoni li jkun tressaq fuqha l-ewwel darba tkun l-anqas waħda serja.[89]"

Illi fis-sentenza mill-istess Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Antoine Cassar** intqal:[90]

L-ewwelnett din il-Qorti tirreferi ghas-sentenza citata mill-Avukat Generali **Ir-Repubblika ta' Malta v. Michael Bonnici u Joseph Azzopardi**[91] fejn jinghad illi:

**"... taht il-ligi taghna, huwa rikonoxxut illi att uniku, cioe`** ***actus reus*** **wiehed jista' jaghti lok ghal ksur ta' aktar minn disposizzjoni wahda tal-ligi. Infatti, huwa principju notorju fid-dritt penali taghna, kif ukoll f'sistemi esteri ohra, illi l-istess att doluz jista' jikser diversi disposizzjonijiet tal-ligi u jikkostitwixxi aktar minn delitt wiehed."**

Imbghad il-Qorti fil-kawza **Il-Pulizija vs Joseph Mifsud** iddecidiet:[92]

---

[88] Per Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima, Deciza 21 ta' Jannar 2016; Appell Kriminali Numru 480/2015

[89] **Il-Pulizija vs Gregory Paul Brincat et** – App.Inf. 20/09/2012
[90] Per Onor. Imhallef Dr. David Scicluna, Deciza 22 ta' Settembru, 2009; Appell Kriminali Numru. 197/2007
[91] Appell Kriminali, 11 ta' Jannar 1994.

Għal dik li hi plurarita' ta' akkużi, il-Qorti qed timxi mad-duttrina tal-konkurs formali jew ideali kif esposta mill-**Professur Mamo** fl-Ewwel Parti tan-Noti tiegħu dwar il-Liġi Kriminali. Infatti l-Professur Mamo jikteb:

***'The first and typical form of this concursus arises where one and the same fact constitutes an offence under two or more provisions of the law. (In such a case) the accused is punished in accordance with the provision establishing the heaviest punishment. Two elements are necessary to constitute this form of ideal concursus i.e. one fact and several violations of the law.***

***Omissis***

***So, in order that the violations of the several provisions of law may constitute and be dealt with as one single offence, it is essential that they be the result of one single action on the part of the offender and of one and the same criminal determination.....That which therefore prevails in determining whether the fact was one is the assessment of the intention and the purpose of the agent.'***[93]

Fil-każ odjern jidher li għalkemm hemm għadd ta' imputazzjonijiet, l-intenzjoni kriminali kienet waħda.

Illi f'dawn il-proceduri baqghet ma gietx esebita l-fedina penali tal-imputat u ghalhekk il-Qorti giet prekluza milli tiddetermina xi kwalita` ta' passat ghandu l-imputat u jekk hux *first-time offender* o meno. Ghalhekk dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati addebitati lill-imputat u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz partikolarment tal-fatt li rrizultat minghajr ebda dubbju negligenza kontributorja da parti tal-parte leza li ddecieda jipperikola hajtu w potenzjalment dik tal-imputat insensament.

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-artikoli 17, 226(1)(a) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta u tal-artikolu 15(1)(a) tal-Ordinanza dwar it-Traffiku, issib lill-imputat hati izda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin millum.

Inoltre` bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tordna lill-hati jhallas l-ammont ta' €2,929.15 rapprezentanti spejjez peritali.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

---

[92] Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali per Onor. Magistrat Dr. Lawrence Quintano, Deciza 15 ta' Mejju, 2005.
[93] Professur Mamo: Notes on Criminal Law Part I pages 151 and 152.